MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1768/1998/1

**Onor. Dr. Charles Mangion**

**vs**

**Perit George Pullicino**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta' Settembru 1998 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn espona : -

Illi waqt konferenza politika mxandra fuq il-mezzi tax-xandir tal-PBS Limited fis-26 ta' Awwissu 1998 fl-iskema ta' xandiriet ghall-elezzjoni mtella' mill-Awtorita' tax-Xandir, il-konvenut George Pullicino attribwixxa fatti determinati li huma foloz u malafamanti fil-konfront tal-

istanti bl-iskop illi joffendi l-unur u l-fama tieghu u li jesponih ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

Illi apparti l-gravita` tal-ingurja fiha nnifisha, mill-mod kif gie msemmi l-istanti u mill-assjem tad-diskors tal-konvenut George Pullicino, inkluz il-filmat prezentat minnu waqt l-intervent tieghu. Jidher car illi l-iskop tal-istess konvenut huwa li jaghmel hsara lill-istanti fi zmien krucjali tal-kampanja elettorali ghall-elezzjonijiet generali billi jimplika li huwa kien responsabbli ta' skandlu, irregolarita` u korruzzjoni li kellha twassal ghat-tkeccija tieghu mill-Prim' Ministru.

Illi l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-istess konvenut ta malafama lill-istanti bix-xandira fuq imsemmija bil-ghan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu;

2. Tikkundanna liIl-istess konvenut ihallas liIl-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li ghandu jidher ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-16 ta’ Marzu 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 8 ta’ Marzu 1999 (fol 9) fejn espona : -

1. Illi minhabba li l-attur naqas li jispecifika liema parti jew partijiet tax-xandira qed jillamenta dwarhom, l-eccipjenti jista’ biss b'mod generali jeccepixi illi d-diskors tieghu li xxandar jikkonsisti f’ fatti li huma sostanzjalment

veri u f'kummenti dwar dawn il-fatti li huma permissibbli skont il-Ligi.

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri meta l-attur jispecifika l-parti jew partijiet li dwarha/hom qed jillamenta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru 1999 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn deher biss Dr. Joseph Zammit Maempel ghall-konvenut. Billi l-kawza kienet imhollija ghallum ghal provi tal-attur u dan la deher u lanqas ressaq provi, il-kawza giet differita *Sine Die*.

Rat ir-rikors tal-attur datat 7 ta' Jannar 2000 (fol 15) fejn talab lill-Qorti joghgobha terga' tappunta l-kawza ghas-smigh biex tigi trattata u deciza; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u rriappuntat l-kawza ghas-seduta tal-21 ta' Frar 2000, u dan kif jidher bid-digriet moghti fl-10 ta' Jannar 2000 (fol 16).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur datata 5 ta' Gunju 2007 a fol 131 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Gunju 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Joseph Zammit Maempel ghamel sottomissjonijiet ulterjuri b' referenza ghan-nota ta' sottomissjonjiet tal-attur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Ottubru 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tad-29 ta' Novembru 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Marzu 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b'ordni ta' din l-istess Qorti din il-kawza giet differita ghall-31 ta' Ottubru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

L-attur qed jitlob li din il-Qorti sabiex tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut ta malafama waqt konferenza politika mxandra fuq il-mezzi tax-xandir tal-PBS Limited fis-26 ta’ Awwissu 1998 fl-iskema ta’ xandiriet ghall-elezzjoni mtella' mill-Awtorita' tax-Xandir, fejn il-konvenut il-Perit George Pullicino attribwixxa fatti determinati li huma foloz u malafamanti fil-konfront tal-istanti bl-iskop illi joffendi l-unur u l-fama tieghu u li jesponih ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku. L-attur ghalhekk qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu somma li tigi determinata *in linea* ta' danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li hu sofra minhabba l-pubblikazzjoni msemmija.

Il-konvenut eccepixxa li dak li stqarr fix-xandira kien jikkonsisti f’ fatti li huma sostanzjalment veri u f’kummenti dwar dawn il-fatti li huma permissibbli skont il-Ligi.

Din il-kawza hija konnessa u miexja flimkien ma' zewg kawzi ohra fl-ismijiet "***Onor. Dr. Charles Mangion -v- Joseph Zahra*** *(Citaz. Nru. 1742/1998 LSO)* u **"*Onor. Dr. Charles Mangion -v- Mario Galea et.*** *(Citazz.Nru. 1741/1998 LSO)* u kien intiz bejn il-partijiet billi, ghajr ghall-provi li jirreferu ghall-kawza partikolari, il-provi li ngabru kellhom japplikaw ghat-tliet kawzi *stante* li jirreferu sostanzjalment ghall-allegazzjonijiet simili u konnessi.

Il-Qorti ser tillimita ruhha biex tikkonsidra l-provi rilevanti ghall-mertu ta' din il-kawza.

## PROVI PRODOTTI

Xehed **Victor Sciberras Grioli**[1] li kien *General Manager* tal-Awtorita' tad-Djar minn qabel l-elezzjoni tan-1996 sas-sena 2000. Kien involut fl-iskema ghax-xiri tad-djar mertu ta' din il-kawza peress li flimkien ma' Victor Galea li kien

[1] Xhieda a fol. 56 et. seq. tal-process

Chairman, u l-Perit Piju Busuttil, kienu jiffurmaw il-kumitat li kien jipprocessa applikazzjonijiet taht din l-iskema.

B'riferenza ghall-artikolu li kien deher fil-gazzetta *In-Nazzjon* tas-26 ta' Awwissu 1998 qal li l-attur kien deher quddiem il-kumitat biex jassisti klijenti tieghu li kienu tliet kuntratturi minn Hal Luqa u kien hemm applikazzjoni minn kumpanija li l-attur iddikjara li kien azzjonist fiha. Fl-ewwel kaz kienu iltaqghu diversi drabi mal-kuntratturi u lahqu ftehim u sar konvenju. Fit-tieni kaz, rigwardanti l-kumpanija, hu kien iltaqa' ma Patrick Dalli u waslu fi ftehim fuq prezz. Izda il-konvenju baqa' ma sarx.

Spjega li l-applikazzjonijiet kienu jsiru lill-Awtorita` tad-Djar u jigu valutati minn nies teknici tal-Awtorita' li kienu mbaghad iresqu r-rapport taghhom quddiem il-kumitat. Il-kumitat kien jibghat ghall-applikanti. Kien hemm konvenji ohrajn li ma sehhewx.

In **kontro-ezami** spjega li l-Kumitat kien jiddeciedi fuq vot unanimu. Is-sezzjoni teknika kienet tad-Dipartiment stess. L-attur kien deher mat-tliet persuni, dan ghamlu fil-kapacita` professjonali tieghu u l-procedura kienet l-istess ghal kulhadd u ma kienx hemm procedura differenti fil-kaz tal-kumpanija. X'hin waslu ghall-konvenju kellhom rapport favorevoli. Ir-rapporti teknici lehqu saru ghaliex kieku ma kienux jibghatu ghalihom ghall-konvenju. Qal ukoll li n-negozjati saru ma' Patrick Dalli u kien hemm qbil bejn il-membri kollha tal-kumitat. Il-gurnata ghall-iffirmar tal-konvenju tkun iffissata mill-Awtorita' tad-Djar jew mill-Bord. Hu qal li ma sarx ftehim specifiku mal-kumpanija tan-Nutar Mangion biex isir il-konvenju. Kien kitbilhom hu biex jigu ghal konvenju. "*Ma ftehmnix ma' min ser ibieghlna ghad-data tal-konvenju. Ktibtilhom fuq istruzzjonijiet tal-Bord."*

Xehed **Patrick Dalli**[2] u qal li kien shab mal-attur fil-kumpanija *Elcar Developments Ltd.* Meta harget l-iskema ghax-xiri ta' proprjeta' mill-Gvern kiteb lill-Awtorita' tad-Djar u anke iltaqa' mal-kumitat fejn kien hemm is-Sur

[2] Xhieda a fol. 74 et. seq. tal-process.

Sciberras Grioli. Kien hemm xi 28 kuntrattur iehor li kienu applikaw ghal din l-iskema wkoll. Peress li martu, Helena Dalli, kienet Segretarja Parlamentari, kiteb lill-Ministru responsabbli ghall-Awtorita` fejn infurmah bl-interess li kellha martu fil-kumpanija msemmija u biex javza lill-Awditur Generali qabel l-iffirmar ta' ftehim bejn il-kumpanija u l-Awtorita.[3] Kopja ta' din l-ittra intbaghtet lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati. L-*acknowledgement* wasal b'ittra datata 30 ta' Gunju 1998. F'Gunju difatti rcevew ittra mill-Awtorita` fejn intalab jaghti xi nformazzjoni biex ikun jista' isir il-konvenju. Kellem lil Victor Sciberras Grioli fuq it-telefon u qallu li kellu jgib konferma minghand l-Awditur Generali u l-i*Speaker* l-ewwel.

Wara sema' "*Patrick Dalli u l-Onorevoli Helena Dalli qed jaghmlu korruzzjoni*" u rrefera ghall-artikolu fin-Nazzjon tat- 3 ta' Settembru 1998. Fil-gazzetta qalu li ffirmaw il-konvenju meta dan ma kienx minnu. Fl-artikolu msemmi hemm il-mistoqsija "*Ghaliex il-process kollu tal-iffirmar tal-konvenju sar fil-granet ta' qabel l-elezzjoni u mhux wara?*" Hu xehed li appuntament qatt ma kellu minnkejja li Victor Sciberras Grioli ghafsu biex jaghmel appuntament.

**In kontro-ezami** qal li kien gja tkellem mal-Housing qabel il-31 ta' Jannar 1998 ghax kien interessat. Qal li kien sema' bl-iskema bhal ma semghet Malta kollha. Mistoqsi kif sema' meta l-iskema harget fit-13 ta Frar 1998 wiegeb li sema' l-ghajdut u ammetta li offra proprjeta` partikolari fi Triq il-Qaliet u f'New Street Marsaskala izda ma setax jghid li tkellem fuq proprjeta` partikolari qabel ma harget l-iskema.

Qal li Sciberras Grioli ssuggerieli data ghall-konvenju iktar minn tliet darbiet bil-fomm. L-attur qatt ma kien mieghu waqt il-laqghat li kellu. Huwa azzjonist fil-kumpanija imma x-xhud imexxi l-kumpanija "*jien biss".* Kien qallu hu lill-attur dwar l-offerta u dan halla kollox f'idejn ix-xhud.

---

[3] Ittra a fol. 125 tal-process datata l-11 ta' Frar 1998 u *acknowledgment* datata t-30 ta' Gunju 1998 a fol. 124 tal-process.

Xehed l-**attur in-Nutar Dr. Charles Mangion**[4] li pprezenta kopja tat-*tape* tad-dibattitu fuq it-*television* li kien sar fis-26 ta' Awwissu 1998 (**Dok. CMZ**) u traskrizzjoni tat-*tape* (esebit bhala **Dok. CMZ1** a fol. 83 u 84 tal-process odjern). Dawn iz-zewg faccati jirriproducu l-partijiet rilevanti ghall-kaz odjern.

Hu qal li jahdem professonjalment mal-Lay Lay. Qal li dak li intqal "*L-assjem taghha u l-konkluzjonijiet taghha huma ingurjuzi. Qatt ma kien hemm data biex isir il-konvenju. Qatt ma kien hemm ftehim mieghi. Hawnhekk qed jghid li ma mortx niffirma ghax kixef l-iskandlu Dr. Fenech Adami. Dan mhux minnu. Fir-rigward tal-Kottonera, ma kelli interess mal-ebda wahda mill-konsorzji. Fl-ebda wahda mill-progetti ma kelli nvolviment u nteress*" sakemm kont fil-kariga ta' Ministru. "*Imbaghad meta spiccajt minn Ministru u bdejt nahdem ta' Nutar wiehed mill-konsorzji beda jistaqsini biex nahdimlu professjonalment.*"

Ghamel riferenza ghal dak li ntqal mill-konvenut fid-dibattitu cioe` "*Nixtieq li l-Onor. Charles Mangion u l-Onor. Karmenu Vella jispjegaw u jghidu lin-nies minn issa jekk il-kumpanija li ghandhom bejniethom li jisimha MICA, hix involuta f'xi bejgh ta' proprjeta' lill-Gvern jew inkella hix interessata f'xi wiehed mill-progetti li tant qed jissemmew.*"

Dwar dan xehed li "*dan waqt programm tat-television u dibattitu politiku u ghalhekk irid jintrabat mal-assjem kollu ta' dak il-programm. Fil-konfront tieghi jiena nhoss li qed jipprova jhammigni, li kont involut f'xi skandlu jew irregolarita`.*"

**In kontro-ezami** qal li l-Ministru tal-Housing kien ilu jaghmel kjamati ghal min kien interessat u saret offerta minn *Elcar Limited* gestita minn Patrick Dalli. "*Imbaghad hemm l-istorja kollha fejn jien ktibt lill-Ministru*[5]*.*" Kien Ministru bejn Novembru 1996 sa Jannar 1998.

---

[4] Xhieda a fol. 85. et.seq. tal-process.

[5] Biex jirreferi l-kaz lill-Awditur Generali .

Rigward it-*tape* qal li gabru mis-Super One u minnu ha t-traskrizzjoni redatta fid-dokument **CMZ1**.

Xehed **il-Ministru l-Perit George Pullicino**[6] u qal b'riferenza ghal **'DOK CMZ1'** li dan hu *transcript* ta' parti minn programm shih u meta rrefera ghall-"progetti" kien qed jirreferi ghall-progetti kollha li ssemmew fil-programm, li tal-Kottonera kien wiehed biss minnhom. Qal li anke mit-*transcript* jidher li hafna mix-xoghol ghamlu s-Sur Patrick Dalli.

Qal li l-argument li ried igib il-Partit Nazzjonalista kien li dak li kien qed isir u nbeda li jsir kienx rizultat ta' "*under the table information"* li wiehed sar jaf biha minhabba l-pozizzjoni tieghu. Dik il-mistqosija, skont ix-xhud, giet indirizzata fir-rapport tal-Awditur Generali li qal li l-iskema harget wara li saru l-offerti. Difatti l-ittra mibghuta minn Patrick Dalli kienet datata 11 ta’ Frar 1998 meta l-iskema harget fil-Gazzetta tal-Gvern fit-13 ta' Frar 1998. "*Din kienet xi haga li giet abbuzata ghall-fatt li haddiehor kien vantaggjat quddiem ic-cittadin komuni."*

Bhala Deputat fil-Kamra ra l-ittri li baghtu l-attur u l-Onor. Helena Dalli lill-i*Speaker* li kienu datati t-3 u s-6 ta’ Lulju 1998 rispettivament.

Bhala rapprezentant tal-Partit Nazzjonalista hu kien ried juri li kien hemm hafna mistoqsijiet fuq il-process kollu ta' din l-iskema li gew affermati mir-rapport tal-Awditur iktar tard. Per ezempju, li l-iskema kienet mibnija fuq xiri ta' proprjeta` li tithallas anke fuq xoghlijiet li ghad iridu jsiru. L-Avukat tar-Repubblika kien gibed l-attenzjoni li transazzjonijiet bhal dawn kellhom bzonn l-approvazzjoni minn qabel tal-Ministru tal-Finanzi izda mir-rapport tal-Awditur Generali rrizulta li din l-approvazzjoni ma kenitx inghatat u hu kien jinsab infurmat li lanqas intalbet.

**In kontro-ezami** xehed li l-ittra mibghuta mill-attur u mill-Onor. Helena Dalli l-i*Speaker* rahom ftit granet qabel ma xehed, u cioe` wara li ghamel id-diskors fil-programm.

[6] Xhieda a fol.93 et.seq. tal-process.

Ukoll ra r-rapport tal-Awditur wara li tkellem fuq il-programm. Id-diskors tieghu fil-programm "*kien ibbazat mill-fatt li kemm jien u kemm il-Partit Nazzjonalista li kont nirrapprezenta f'dak il-programm, il-bizghat li kellna li kien hemm min kien vantaggjat fl-iskema kollha ghax kien ghamel sottomissjonijiet ghall-bejgh ta' proprjeta` anke qabel stess ma harget l-istess skema, effettivament dawk il-bizghat gew konkretizzati wkoll fid-diskors u l-kitba li kien hemm fir-rapport tal-Awditur. Jekk xejn kellek konferma ta' dak li ghidt. Konferma mir-rapport tal-Awditur."*

Riferibbilment ghat-*transcript* **DOK CMZ1** qal li ma kellux fiducja f'*transcript* li ttiehed abbazi ta' *video* tas-'Super One.'

**Mistoqsi**, meta rrefera ghall-attur u qal "*jekk din mhix skandlu x'inhi d-definizzjoni ta' skandlu"* ghaliex l-attur kien qed jaghmel skandlu, wiegeb "*biss biss il-fatt innifsu li wiehed ikollu access ghal informazzjoni u jmur jaghmel applikazzjoni fuq skema li lanqas biss ghadha harget, fl-opinjoni tieghi, issa jiddependi ovvjament il-livell ta' threshold ta' persuna ...Id-definizzjoni ta' x'inhu skandlu jew le hu relattiv ghall-morali u l-etika li taddotta dik il-persuna."*

Qal li l-uniku mument fejn indirizza b'mod dirett lill-attur kien meta saqsa lilu u lil Karmenu Vella, li kienu fuq il-programm, u li b'kumbinazzjoni ghandhom kumpanija flimkien, MICA, jekk mill-elenku twil ta' progetti li qalu li beda l-Gvern Laburista u li kien ser jkompli l-Gvern Laburista, minn dawk il-hafna progetti, il-kumpanija li kienet bejniethom ma kinetx interessata f'negozju fuq dawk il-progetti.

Kien hemm is-segwenti skambji ta' mistoqsijiet u twegibiet:

"*M. Kellek xi nformazzjoni li kienu involuti f'xi wiehed minn dawn il-progetti?*

*R. Le.*

*M. Tirrealizza li meta ghamiltha l-mistoqsija s-semmiegha hekk fehmuk u li probabbilment int dak kien l-iskop tieghek?*

*R. Jien ghidt li l-Onor. Mangion ma ddikjarax fil-Parlament interess li seta' kellu, seta' ghamlu dan bi svista, fuq il-progett tal-Kottonera. Peress li tajtu l-beneficcju tad-dubju, ...jistghu kemm l-Onor. Mangion kif ukoll l-Onor. Perit Karmenu Vella, li kumbinazzjoni ghandhom kumpanija t-tnejn flimkien jisimha Mica, saqsejthom jekk mill-elenku twil ta' progetti li qalu li beda l-Gvern Laburista u li kien ser jkompli l-Gvern Laburista..il-kumpanija li kienet bejniethom kinitx interessata f'negozju fuq dawn il-progetti. Dik kienet il mistoqsija. La kienet implikazzjoni li se jixtru, kienet cara fl-opinjoni tieghi, mistqosija jekk kienu interessati, halli jiddikjaraw l-interess taghhom, u jekk xejn jissalvagwardaw il-pozizzjoni taghhom."*

Mistoqsi x'kienet l-ideja tieghu li wara li semma' li l-attur kien involut fi skandlu, ipoggih fl-istess kummenti tieghu ta' dellijiet kbar fuq kumpanija Lay Lay, Jimmy Magro, il-partner mal-LayLay, semmejtu fil-kuntest ta' self irregolari mill-Mid Med Bank, semmejtu wkoll fuq bejgh li jircievi nofs miljun lira u dwar x'kienet il-konnessjoni tal-attur ma' dawn l-affarijiet, wiegeb li l-konnessjoni tal-attur "*gejja mill-fatt biss li jimmilita f'partit li kumbinazzjoni kellu hafna nies vicin tieghu li kienu involuti f'din l-iskema. Dak kien l-involviment tal-Onorevoli Mangion u l-Onorevoli Karmenu Vella, kif kien ta' Cali Buhagiar, ta' Elena Dalli, u li kumbinazzjoni min-nies li kienu se jbieghu,.kellek grupp ta' nies li huma vicin hafna tal-Partit Laburista jew sahansitra deputati tieghu.."*

Mistoqsi dwar dak li qal li l-attur ma ffirmax il-konvenju ghaliex Eddie Fenech Adami kixef dak l-iskandlu wiegeb li ghadu ma jafx ghalfejn l-attur ma marx. Meta baghat l-ittra lill-l*Speaker* fit-3 ta' Lulju 1998, ftit granet qabel ma harget l-istorja, hu assuma li l-attur kien ghadu interessat biex isir in-negozju. L-opinjoni tieghu ta’ politiku kienet li ma marx biex jiffirma ghaliex probbabbilment inkixef il-kaz politiku.

Gie mistoqsi :" *Inti sejjahtlu skandlu, jigifieri dak li kien qed jaghmel l-attur kien skandlu hux hekk?*

*R. Id-definizzjoni ta' skandlu hija relattiva mal-morali u l-etika li tadotta l-persuna.*
*M. Jigifieri fil-fehma tieghek l-attur ghamel xi haga illegali jew irregolari?*

*R. Illegali nahseb li trid tiddeciedieh il Qorti..Irregolari fl-opinjni tieghi iva. Ghalhekk sejjahtlu skandlu ghax huwa irregolari li inti tmur tinnegozja fuq proprjeta` ghal skema meta dik l-iskema lanqas biss tkun harget ghall-pubbliku."*

Riferibbilment ghal dak li stqarr li l-attur kien ser idahhal nofs miljun lira mill-bejgh qal li b'dan ma riedx ifisser li dan kien profitt. Mistoqsi li hekk qal lin-nies, wiegeb "*Dak jiddependi mill-intelligenza tal-persuna, effettivament x'jassorbi u x'jifhem."*

**DOK CMZ1**

Minn qari tat-traskrizzjoni redatta mill-attur stess tal-kliem tal-konvenut fid-dibattitu politiku in kwistjoni, jirrizulta li s-suggett qofol tal-kwistjoni huwa dejjem l-Iskema ghax-Xiri ta' Proprjeta` mill-Privat li l-konvenut irrefera ghalih bhala "*skandlu."*

Fl-interventi tieghu, kif dejjem rapportati mill-attur, il-konvenut semma’ li l-attur kien fost dawk li kien ser ibiegh proprjeta' lill-Gvern. Semma' li bejjiegha ohra kienu jinkludu s-socjeta` Lay Lay Company Limited "*li kellha u ghad ghandha dellijiet kbar, fuqha* " u kompla jitkellem fid-dettall dwar dawn id-dellijiet, u semma’ lil Jimmy Magro, segretarju generali fil-Partit Laburista u li kien fi shab mal-persuna li tmexxi l-Lay Lay.

*Inoltre* jirrizulta mit-traskrizzjoni li "*Charles Mangion issa jghidli li huwa ma marx jiffirma l-konvenju. Possibbli nistaqsi lin-Nutar Mangion jahseb li n-nies diga` kkonkludew li hu ma marx jiffirma ghax kien proprju l-kap tal-partit nazzjonalista li lahaq kixef, kien kixef, din l-istorja. Kien kixef dan l-iskandlu...Importanti li wiehed*

*jifhem li Charles Mangion kien ser idahhal mill-bejgh kollu li kien involut fih aktar minn nofs miljun lira. Forsi l-poplu jibda jiftakar, jibda jifhem il-poplu malti fejn qeghdin imorru d-dejn ta' iktar minn nofs miljun lira kuljum mill-gvern ta' Alfred Sant."*

Imbaghad hemm ir-riferenza ghall-*consortium* fil-progett tal-Kottonera fejn jghid li "*nistiednu pubblikament lill-Onorevoli Charles Mangion jghidilna minn issa, f'liema mill-progetti li ssemmew, u ghadhom kemm issemmew f'dan il-programm, lista shiha ta' progetti li jghidu li ser jaghmlu...f'liema minnhom ghandu interess jew involviment....Nixtieq li l-Onor. Charles Mangion u l-Onor. Karmenu Vella jispjegaw u jghidu lin-nies minn issa jekk il-kumpanija li ghandhom bejniethom li jisimha MICA, hix involuta f'xi bejgh ta' proprjeta` lill-Gvern jew inkella hix interessata f'xi wiehed mill-progetti li tant qed jissemmew."*

**<u>L-AHJAR PROVA</u>**

Jinkombi fuq l-attur li jipprova l-att malafamanti. Fil-kaz in ezami ressaq kopja ta' *tape* tax-xandira in kwistjoni li hu gab mis-*Super One Television* u pprezenta traskrizzjoni li ghamel hu stess minn dan it-*tape.*

Il-konvenut issottometta li dan mhuwiex l-ahjar prova skont il-Ligi. Difatti l-Qorti tosserva li l-attur ma ressaqx imqarr rapprezentant mis-'Super One' biex jawtentika li t-*tape* tnizzel fedelment il-programm fl-intier tieghu. Il-konvenut ma opponiex formalment ghall-esebizzjoni tat-*tape*, jew talab l-isfilz tieghu, izda stqarr li ma setax jistrieh fuqu.

Fis-sottomissjonijiet tieghu pprezentati fl-atti tal-kawza ***"L-Onor. Nutar Charles Mangion -v- Mario Galea et"*** (u applikabbli ghat-tliet kawzi li qed jigu decizi llum, fosthom dik odjerna), qal li l-Qorti ma tistax tistrieh fuq traskrizzjoni maghmula mill-attur personalment fuq *tape* li qal li akkwista minn Super One. Il-konvenut fix-xhieda tieghu wkoll sostna  li dak li ntqal fix-xandira, kellu jigi valutat fl-isfond ta' dak kollu li sar fix-xandira.

Kwistjoni simili tqajmet fil-kawza fl-ismijiet "***Dr. Joseph sive Beppe Fenech Adami -v- Felix Agius***" (Dec. fis-27 ta' Gunju 2001 PA (GV) fejn l-attur ma pproduciex it-*tape* tax-xandira u pproduca traskrizzjoni redatta minn xi hadd li ma tressaqx il-Qorti bhala xhud biex jikkonferma l-veracita` ta' dak li sema' u li ttraskriva. F'dan il-kaz, il-Qorti kkonkludiet li ma gietx prodotta l-ahjar prova in kwantu ma kienx gie esebit t-*tape* tax-xandira, izda wkoll peress li t-traskrizzjoni kienet *hearsay evidence* fl-assenza tal-konferma mill-persuna li kienet traskrivietha.

Is-sitwazzjoni quddiem din il-Qorti mhix identika. Gie esebit *tape* minghajr prova tal-awtenticita` u tal-integrita` tieghu, i traskrizzjoni redatta mill-istess *tape*. Dan kien a dispozizzjoni tal-konvenut li seta' jaghmel il-verifiki tieghu dwar il-korrettezza tieghu. Dan ma ghamlux u, kif gja gie rilevat, lanqas talab l-isfilz tieghu. *Inoltre*, it-traskrizzjoni saret mill-attur stess li kkonfermah bil-gurament.

Waqt ix-xhieda tieghu, il-konvenut in kontro ezami, wiegeb dwar il-kliem li gew imputati lilu fit-traskrizzjoni u ta spjegazzjoni tal-kliem tieghu minghajr ma cahadhom. B'dan ammetta li dak il-kliem intqal minnu.

**Ikkonsidrat** li fatt jista' jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri kemm bi provi diretti (ad es. dokumenti - Artikolu 627 *et seq.*, Kapitolu 12) u xhieda (Artikolu 563 *et seq.*, Kapitolu 12) u l-ammissjoni (Artikoli 693 sa 695 tal-istess Kapitolu 12), kif ukoll bi provi ndiretti bhal ma huma l-prezunzjonijiet (Artikoli 1234 u 1235, Kodici Civili) u l-indizji li kapaci jikkonvincu lill-gudikant;

"*Fl-ordinament guridiku taghna, kif gja fuq espress, ivigi l-principju illi r-rizultanzi struttorji jistghu jigu ottenuti b' kull mod purke' dawn iservu ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant. Xejn ma hu eskluz, lanqas l-utilizzazzjoni ta' xi prova fornita mill-kontroparti. L-importanti hu li l-parti fil-proceduri tipprova u ssostni l-fatt li hu ghab-bazi tad-dritt taghha;*" (App.(Inf) "***Iris Dalmas -vs- Mons. Joseph Dalmas u Ronnie u Carmen konjugi German*" –** dec. fit-12 ta' Jannar 2005.)

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li x-xhieda moghtija mill-konvenut rigward stqarrijiet li ghamel fix-xandira, jikkostitwixxu prova tal-fatt li ntqalu *ai fini* ta' dawn il-proceduri.

B'dan qed tirreferi ghax-xhieda partikolarment fejn il-konvenut qal li huwa, bhala membru parlamentari, u rapprezentant tal-Partit Politiku, kien qed jistaqsi lill-attur biex jiddikjara l-interess li kellu f'socjetajiet involuti fi progetti tal-Gvern, senjatament il-progett tal-Kottonera, jew fl-iskema li hija s-sottofond tat-tliet kawzi konnessi. Xehed ukoll dwar l-opinjoni tieghu dwar l-Iskema in kwistjoni.

Qal ukoll li dawn il-mistoqsijiet, mhux biss ma jistghux jigu kkonsidrati bhala "*attakk personali*" imma hu sahansitra doveruz fuq il-konvenut bhala rapprezentant politiku tal-poplu li jaghmilhom. In kwantu li llimita ruhu biex jistaqsi dwar tali involviment, kien qed jezercita d-dritt fondamentali tieghu ta' espressjoni hielsa.

Ta spjegazzjoni rigward il-fehmiet tieghu dwar l-involviment
*tal-Onorevoli Mangion* fl-Iskema ghax-Xiri ta' Proprjeta` fis-sens li *"kellek grupp ta' nies li huma vicin hafna tal-Partit Laburista jew sahansitra deputati tieghu"*. U xehed ukoll li l-Iskema kienet "*..Irregolari fl-opinjni tieghi iva. Ghalhekk sejjahtlu skandlu ghax huwa rregolari li inti tmur tinnegozja fuq proprjeta` ghal skema meta dik l-iskema lanqas biss tkun harget ghall-pubbliku.”* Il-fatt li n-negozjati inbdew qabel ma thabbret pubblikament din l-Iskema wkoll kien jaghti lok ghas-suspett.

Mistoqsi dwar dak li qal li l-attur ma ffirmax il-konvenju ghaliex Eddie Fenech Adami kixef dak l-iskandlu wiegeb li ghadu ma jafx ghalfejn l-attur ma marx. Meta baghat l-ittra lill-i*Speaker* fit-3 ta' Lulju 1998, ftit granet qabel ma harget l-istorja, hu assuma li l-attur kien ghadu interessat biex isir in-negozju. L-opinjoni tieghu ta’ politiku kienet li ma marx biex jiffirma ghaliex probbabbilment inkixef il-kaz politiku.

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-gurisprudenza migbura fil-kawza konnessa fl-ismijiet "**L-Onor. Dr. Charles Mangion -v- Joseph Zahra"** (Citazz 1742/1998) deciza llum stess, dwar :

i) L-*exceptio veritatis;*
ii) Id-difiza ta' *fair comment;*
iii) L-applikazzjoni tal-principji li jirregolaw l-materja in ezami fil-konfront ta' persuna pubblika bhal ma kien l-attur fiz-zmien tal-pubblikazzjoni tal-Istqarrija, ukoll fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;
iv) Il-bilanc li ghandu jigi zgurat bejn il-bzonn li s-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi.

Dawn il-principji, assodati fil-gurisprudenza taghna, huma ta' gwida ghal din il-Qorti fl-apprezzament taghha tal-fatti odjerni.

**APPLIKAZZJONI GHALL-FATTI**

Jirrizulta mill-provi li l-Iskema ghax-Xiri ta' Proprjeta` mill-Privat li giet ufficjalment imhabbra mill-Awtorita` tad-Djar fit-13 ta' Frar 1998 kienet qajmet kritika tal-Partit Nazzjonalista fi zmien qarib l-Elezzjoni Generali. Din l-Iskema giet imsejha "*suspettuza" (vide xhieda tal-Onor Prim' Ministru Dr. E. Fenech Adami)* kif ukoll "*skandaluza"* jew skema ta' *"xiri skandaluz"* (ara l-Istqarrija ghall-Istampa ppubblikat mill-Partit Nazzjonalita u l-artikoli ppubblikati fil-gazzetta "In-Nazzjon").

Jirrizulta mill-provi li l-kritika kienet tirrigwarda diversi fatturi:-

a. Irregolarita' in kwantu li whud mill-proprjetajiet li kienu qed jigu offruti lill-Gvern, fosthom ghall-prezzijiet sostanzjali, lanqas kienu kompluti (fosthom konvenju ta' Lm1.4 miljun mas-socjeta' Lay Lay Co. Limited). F'dan il-kaz ix-xiri kien jinkludi prezz ta' xoghlijiet li kien ser

jithallas lill-bejjiegha *qua* kuntratturi, minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi.

b. L-allegazzjoni li diversi Ministri u Deputati Laburisti, kif ukoll kumpaniji vicin tal-Partit Laburista, kienu ser jibbenefikaw mill-iskema ftit granet biss qabel l-Elezzjoni Generali nkluz il-kumpanija Elcar Company Limited, li fiha l-attur, permezz ta' kumpanija privata tieghu, kellu sehem u nteress. Dan gie kkonfermat mir-Rapport tal-Awditur mahrug ftit granet wara l-Istqarrija fil-31 ta’ Awwissu 1998.

3. Li kien hemm informazzjoni dwar l-iskema qabel ma giet reza pubblika b'mod li kien hemm abbuz ghall-fatt li haddiehor kien vantaggjat quddiem ic-cittadin komuni (*vide* xhieda tal-Onor. George Pullicino).

Il-Qorti hi tal-fehma li s-segwenti fatti gew ippruvati:

1. L-involviment tal-attur f'konvenju ghall-bejgh lill-Awtorita' tad-Djar ta' proprjeta` fil-valur ta' Lm239,400 mis-socjeta` *Elcar Company Limited*, f'liema socjeta' l-attur u martu huma nvoluti *tramite* socjeta` ohra bl-isem *Kappara Properties Limited (*ammessa mill-attur u minn Patrick Dalli).

2. Li l-Awtorita' tad-Djar kienet lestiet il-konvenju ghall-iffirmar mal-Elcar Co. Limited izda l-kumpanija ma onoratx il-konvenju. (Ara konferma minn Victor Sciberras Grioli).

3. Jirrizulta anke mix-xhieda tal-attur u ta' Patrick Dalli, li *Elcar Company Limited*, kienet fost l-applikanti ghall-Iskema, u sahansitra Patrick Dalli beda n-negozjati qabel li l-iskema thabbret pubblikament.

4. L-attur ma cahadx li l-proprjeta' li kienet giet offruta mill-Elcar ma kinetx kompluta u ghalhekk setghet giet milquta mill-kwistjoni li tqajmet internament fid-Dipartiment dwar il-legalita` ta' ftehim li kienet qed toffri hlas ghal xoghlijiet li kellhom isiru mill-bejjiegha minghajr il-permess tal-Ministru tal-Finanzi.

Dawn il-fatti huma sostanzjalment ippruvati. Madanakollu dak li ntqal mill-konvenut ghandu jigi valutat fl-isfond ta' dawn il-fatti biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni jekk kienu gustifikabbli fil-limiti konsentiti minn *fair comment.*

*Fair Comment*

Ikkonsidrat li l-attur, *qua* membru tal-Parlament, ghandu l-obbligu li jispjega l-involviment dirett jew indirett tieghu fi progetti mtellghin mill-Gvern tieghu li minnhom seta' jibbenefika finanzjarjament. Hekk titlob it-trasparenza, hekk titlob il-kontabbilta' pubblika, u hekk titlob id-demokrazija.

Bhala persuna pubblika, l-attur ghandu jistenna li jkun assoggettat ghall-iskrutinju iktar wiesa' minn persuna privata. Kif gie ritenut fil-kaz ewlieni **"Lingens vs Austria**" (ECHR 1986) "*the limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalist and public at large .........".* Tali principju gie re-konfermat mill-istess Qrati fil-kaz "**Oberschlick vs Austria"** deciz fl-1991.

Meta talab taghrif dwar l-involviment tal-attur fi proggetti tal-Gvern, il-konvenut ma ttrasgrediex il-limiti konsentiti mil-ligi. Bhala fatt jirrizulta ppruvat li l-attur kien involut f'negozjati mal-Gvern ghall-bejgh ta' proprjeta' fl-isfond tal-Iskema imsemmija. Jirrizulta ppruvat li f'tali skema kienu ser jibbenefikaw deputati parlamentari ohrajn u persuni qrib il-Gvern Laburista (bhal Lay Lay Company Limited). Jirrizulta ppruvat li fost il-proprjetajiet li kienu ser jinbieghu, inkluzi dawk tal-kumpanija li fiha l-attur kellu interess, kien hemm bini mhux komplut u allura l-prezz kien ser jinkludi kumpens ghal xoghlijiet li kienu ser isiru mill-bejjiegha minghajr il-htiega tal-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi. Jirrizulta ppruvat ukoll li n-negozju bejn l-Awtorita' u l-*Elcar Company Limited* bdiet qabel it-thabbir formali tal-iskema.

Meta l-konvenut qal li *"sejjahtlu 'skandlu' ghax huwa rregolari li inti tmur tinnegozja fuq proprjeta` ghal skema meta dik l-iskema lanqas biss tkun harget ghall-pubbliku"* kien qed jghaddi kumment *ossia value judgment* gustifikat fic-cirkostanzi. B'dan ma jfissirx li l-iskema hija skandaluza ghaliex opinjoni jew *value judgment* ma torbot lil hadd. Izda jaqa' fil-limiti ta' '*fair comment*' li hu mibni fuq fatti sostanzjalment ippruvati, kif din il-Qorti spjegat ampjament fis-sentenza moghtija llum fil-kaz "***L-Onor. Dr. Charles Mangion -v- Joseph Zahra"*** *(1742/1998 LSO)* ghal liema sentenza l-Qorti qed taghmel riferenza shiha ghall-iskop ta' din id-decizjoni.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bhala nfondati fid-dawl u fid-dritt.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad** it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**L-ispejjez jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------